**9 ta' Marzu, 1959**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

**Albert Inguanez**

**Provi — Xhieda — Alibi — Awto-inkolpazzjoni.**

***Kaz tipiku ta' fenomenu guridiku li fil-prattika jigi spiss kon-statat hu dak meta fi proceduri kriminali l-imputat jin-qabad f'gidba flagranti ghar-rigward ta' xi cirkustanza li ghalieh kienet perikoluza; ghax allura din id-diskrepanza tammonta kwazi ghal awto-inkolpazzjoni.***

***Meta l-abili ma jirnexxix, il-konsegwenza hi awto-inkolpaz-zjoni, ghax sinjal li l-imputat kellu raguni jahbi fejn vera-ment kien fil-hin rilevanti, u ntant ma jirnexxilux jippro-va li kien band'ohra. Il-prova tal-alibi spiss tiddependi minn distanza ta' ftit mili, jew anki ta' ftit jardi, jew minn arlogg li jkun ftit minuti l-quddiem jew lura.***

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati ta' Malta talli fis-27 ta' Frar 1959, id-Dockyard, (1) waddab gebel u hwejjeg ohra lil hadd iehor u darab uhud minnhom, (2) u gieb ruhu b'mod li seta' jgib ksur tal-paci;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Marzu 1959, li biha sabitu hati talli tefa' oggetti iebsa kontra l-Pulizija, u kkundannatu ghall-prigunija ghal zmien erbgha xhur;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tigi revokata u li hu jigi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-kuntistabbli no. 1068, Alfred Caruana, xehed illi f'xi t-tlieta ta' wara nofsinhar, dak inhar li sar l-istorbju

fid-Dockyard, hu ra u għaraf minn wiċċu lill-imputat (li kien qiegħed jiġri mal-folla) jitfa' biċċiet tal-ħadid lill-Pulizija . . . . . ;

Kontra l-kredibbilità ta' dan ix-xhud, u kontra l-attendibbilità tax-xhieda tiegħu, ma ntqal xejn u ma nġieb xejn speċifikatament, minbarra, s'intendi, il-versjoni tad-difiża in ġenerali, li hi fis-sens li teskludi l-parteċipazzjoni tal-imputat fl-istorbju . . . . . .;

Ix-xhud kuntistabbli no. 1009, Fedele Caruana, xehed li hu ra lill-imputat . . . . .;

Kontra dan ix-xhud tal-aħħar saru mid-difiża żewġ riljevi. L-ewwel, dak fis-sens li hu speċifika ħin divers minn dak li qal il-kuntistabbli l-ieħor. Però, hu ovvju li dan ir-riljev ma għandux forza, għaliex dawn iż-żewġ kuntistabblijiet . . . . . . Hu notorju li l-istorbju dam sejjer għal ċertu żmien. It-tieni appunt għal din x-xhieda ta' P.C. Fedele Caruana sar fis-sens li dan ix-xhud, li, kif ingħad, rah għal xi s-sigħa u kwart u nofs, rah liebes pajżan . . . . ;

Ikkunsidrat;

Dawn iż-żewġ xhiediet, fl-assenza ta' prova kuntrarja, huma suffiċjenti biex jikkonvinċu lill-Qorti li l-konklużjoni ta' reità raġġunta mill-Maġistrat kienet sewwa;

"Ex abundantia", però, jingħad li l-prova tal-Prosekuzzjoni mhux talli ma ġietx indebolita, imma anzi ġiet ribadita bil-provi li saru in difeża, konfrontati ma' dak li qal l-imputat;

Infatti, dan hu każ tipiku ta' fenomenu ġudizzjarju li fil-prattika jiġi spiss rimarkat. Meta fi proċess kriminali l-imputat jinqabad f'gidba flagranti għar-rigward ta' xi ċirkustanza li għalieh kienet perikoluża, allura din id-diskrepanza tammonta kważi għal awto-inkolpazzjoni. L-imputat, fil-"statement" fol. 3) u fix-xhieda tiegħu, kombinati, qal li minn x'ħin beda l-istorbju, ċjoè f'xi s-sigħa nieqsa kwart sat-tlieta, hu kien il-ħin kollu fuq il-barge,

ċjoè li "Striker". Kieku rnexxielu jipprova dan, allura kien ikun laħaq il-prova tal-"alibi". Imma mhux talli ma wasalx biex jagħmel din il-prova, imma, għall-kuntrarju, hu ġie reċiżament kontraddett mix-xhieda stess li hu pproduċa in difeża. Ix-xhieda kollha, ħlief Pace, jgħidu li bejn is-sigħa u t-tlieta, jew almenu s-sagħtejn u nofs, hu ma kienx fuq il-barge jew fl-inħawi tiegħu; u anki l-istess Pace jgħid li wara s-sagħtejn u kwart jew is-sagħtejn u nofs ma rahx; u dawn kollha nies li jaħdmu mal-imputat fuq dan il-barge. Vwoldiri, li hu ma kienx fuq il-barge f'ħin ferm importanti għal din il-kawża, u hu nnega proprju din iċ-ċirkustanza li fiha nqabad f'falsità. U nqabad f'falsità mix-xhieda tiegħu stess. Jgħidu l-ġuristi ngliżi (Sibley, "Crim. App. & Evid.", p. 189):— "An alibi is, as has often been remarked, the best or worst of defences";

Meta l-alibi ma jirnexxix, il-konsegwenza hi awto-inkolpazzjoni, għax sinjal li l-imputat kellu raġuni jaħbi fejn verament kien fil-ħin rilevanti, u ntant ma jirnexxilux jipprova li kien band'oħra. Kompla ngħad:— "It (ċjoè l-prova tal-alibi) often depends upon a few miles, or even a few yards of distance, or upon a clock being a few minutes fast or slow";

F'dan il-każ, ma kienx hemm mili ta' distanza, għax bejn in-no. 4 dock, fejn kien hemm l-istorbju li fih ix-xhieda kuntistabblijiet Caruana raw lill-imputat, u n-no. 2 dock, fejn hemm il-barge li fuqu f'xi ħin kien l-imputat, hemm biss (ara xhieda Bezzina) sa daqs kemm hemm bejn dawn il-Qrati u l-Monti ta' fuq San Ġwann, distanza ta' appena mitt jarda. li anki bil-pass wieħed jista' jkopri f'żewġ minuti jew tlieta, u differenza ta' minuti ma tfisser xejn fejn ma jkunx hemm xi okkażjoni eċċezzjonali ta' ħin eżatt. L-inċidenti ta' dan l-istorju saru kollha fir-reċinti tad-Dockyard, u għalhekk id-distanzi huma relattivi għal dawk ir-reċinti. Jekk ikun hemm prova attendibbli in sostenn tal-imputazzjoni, mhux altrimenti vulnerata, allura dik il-prova ma tistax, in linea di massima, tiġi skartata għax xhud jgħid li f'xi ħin ra lill-imputat f'xi post ieħor f'dawk ir-reċinti; u dan tant għaliex il-ħin riżultanti mill-prova għak-kariku hu approssimattiv, kif inhu approssimattiv il-

ħin emerġenti mill-prova għad-diskariku, kemm ukoll għaliex id-distanzi huma relattivament żgħar. B'distanzi żgħar u ħinijiet approssimattivi hu kapibbli li bniedem jista' jkun f'ċertu post f'dawk ir-reċinti f'ċertu ħin u jkun f'post ieħor f'ħin qabel jew wara, dejjem f'dawk ir-reċinti, u f'dan l-intervall ta' żmien tant qasir li jintilef appuntu mħabba d-distanzi żgħar u l-ħin approssimattiv indikat;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib sewwa s-sentenza appellata, u għalhekk tiddeċidi billi tikkonfermaha u tirrespingi l-appell;

Iż-żmien tal-karċerazzjoni taħt arrest għandu jitnaqqas mill-piena.